MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2014

Numru. 1219/2010

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Juanita Fenech ta’ 49 sena mwielda Floriana nhar l-04 ta’ Frar 1961 bint George Borg Cardona u Jennifer nee` Rizzo residenti ‘Edwige Ville’, Triq is-Sienja, Attard. Detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 148761(M).

Talli;

Fil-05 ta’ Novembru 2010 ghal-habta tad-disgha neqsin ghoxrin ta’ filghodu 08:40hrs, gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta’ Birkirkara :-

Bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna, akkuzat lil dik il-persuna quddiem awtorita’ kompetenti b`reat, fil-waqt li kienet taf li dik il-persuna hija innocenti;

Iddenunzjat rapport lill-Pulizija esekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi in linea preliminari, ghandu jinghad li din il-kawza ghandha retroxena ta' kawza ta' separazzjoni bejn l-imputata u zewggha, il-parti leza Mario Fenech. Din il-kawza kontra l-imputata hija wahda minn sensiela ta' incidenti bejn il-partijiet u frott ta' separazzjoni kumbattuta u akrimonjuza. Sfortunatament, sforz din is-sitwazzjoni xejn felici bejn il-partijiet, rapporti ordinarji jinbidlu w jsiru battalji kolossali, u forsi wiehed jitlef il-perspettiva tal-hajja ta' kuljum. Hekk jidher li gara f'din il-kawza. Rapport fuq fastidju jew "harassment" spicca ssarraf f'indagini ta' "mobile phone localizations", rapporti lill-Bord Intern tal-Pulizija, u numru ta' allegazzjonijiet ohra gratuwiti li ftit li xejn kellhom x'jaqsmu mal-mertu tal-kawza nnifisha.

Il-fatti li kienu taw lok ghal dawn il-proceduri huma, in sintesi, is-segwenti. Fil-5 ta' Novembru, 2010, l-imputata ghamlet rapport lill-Pulizija fl-ghassa ta' B'Kara li zewggha, Mario Fenech, kien ghadda minn quddiem id-dar taghha ghall-habta tat-tmienja w hamsa (8.05am) ta' filghodu w insulentaha. Dan meta l-istess Mario Fenech, ftit tal-jiem qabel, kien tressaq b'arrest il-Qorti fuq akkuzi kriminali dwar vjolenza domestika fuq martu. Kien inghata l-helsien mill-arrest preventiv, taht kundizzjoni fost ohrajn li ma jersaqx lejn martu jew ir-residenza taghha. Ghalhekk, ir-rapport li ghamlet l-imputata kien wiehed ta'

certa gravita' u li seta' gab konsegwenzi serji mieghu. Il-Pulizija ghalhekk baghtet ghal Mario Fenech, li min-naha tieghu nnega li kien ghadda minn quddiem ir-residenza ta' martu. Bhala xhieda in sostenn tal-alibi tieghu ha mieghu l-ghassa ta' B'Kara lil huh, Alexander Fenech, u lill-mara ta' huh, Angela Fenech, li kkonfermaw mal-Pulizija li filghodu Mario kien ghadu d-dar maghhom – peress illi kien qed jirrisjedi maghhom minhabba fil-kawza kriminali kontra tieghu. Il-Pulizija, f'certu stadju tal-investigazzjoni, regghet baghtet ghal Juanita Fenech u ordnat l-arrest taghha fuq possibilita' ta' rapport falz, u wara li nzammet arrestata ghal madwar hdax-il siegha, irrilaxxjat stqarrija fejn qalet li ma kienetx certa jekk ratx lil zewggha jew le fejn id-dar taghha, u giet rilaxxjata. B'hekk, bdiet din il-kawza li damet ftit aktar minn tlitt snin tinstema' minn din il-Qorti.

Il-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda u dokumenti bhala provi. Fost ix-xiehda ewlenija kien hemm, ovvjament, Mario Fenech, huh Alexander, u l-mara ta' huh Angela. Dawn ikkonfermaw li ghall-hin li kien gie indikat fir-rapport tal-imputata, huma kienu kollha ghadhom id-dar. Huma qalu li Mario u Alexander hargu ghall-habta tat-8.20am, u marru dritt ix-xoghol gewwa H'Attard mal-Percius Car Hire. Di fatti huma gew mitkellma mill-Pulizija hekk kif waslu l-ufficcju, u marru l-ghassa tal-Pulizija gewwa B'Kara. Huma qalu li setghu jikkonfermaw il-hinijiet peress illi aktar kmieni fil-ghodu kien cempel lavrant taghhom minghand il-Percius u kien talabhom xi struzzjonijiet. Il-Prosekuzzjoni ressqet ukoll rappresentanti ta' Vodafone Malta ltd, biex isir ezercizzju maghruf bhala “localization” ta' apparat cellulari, biex turi li l-parti leza ma kienetx ghaddiet minn quddiem ir-residenza tal-imputata. Il-Prosekuzzjoni pproduciet ukoll kopja ta' filmat ta' CCTV camera ta' residenza privata qrib tar-residenza tal-imputata, izda ma kien jidher xejn. Ghalhekk dik il-prova kienet inkonklussiva. Gie esebit ir-rapport li kienet ghamlet l-imputata fl-ghassa ta' B'Kara, fejn irrappurtat li aktar kmieni dakinhar kien ghadda r-ragel taghha Mario flimkien ma' huh go vettura bin-numru BBK-813 u kien insulentaha. Giet esebita wkoll l-istqarrija tal-imputata, fejn qalet li r-rapport li kienet ghamlet dakinhar filghodu ma

kienx minnu, u li kellha biza' kbir mir-ragel taghha. Dawk kienu, fil-qosor, il-provi ewlenin tal-Prosekuzzjoni.

Bhala provi tad-difiza, wara li kien sar kontro-ezami serrat tal-Ispettur Taliana, xehdet l-imputata u qalet li kien veru li rat lir-ragel taghha barra d-dar taghha dakinhar, izda fl-istqarrija giet imgeghla tghid il-kontra ghax kienet ilha arrestata kwazi hdax-il siegha, u l-Ispettur kien ghamel hafna pressjoni fuqha biex tbiddel il-verzjoni taghha. Ikkonfermat li zewggha kien qed isuq il-vettura BBK-813 u hekk kif ghadda minn quddiem id-dar taghha, waqaf u insulentaha. Ghalhekk l-ewwel marret ghand missierha imwerwra, imbaghad cemplet liz-zewg avukati taghha, u wara marret l-ghassa ta' B'Kara taghmel rapport. Xehdu wkoll missierha, George Borg Cardona, u huha Jaime Borg Cardona, li ghalkemm ma kienux maghha meta gara l-incident filghodu, huma kkonfermaw l-avvenimenti li sehhew aktar tard dakinhar wara nofsinhar. Xehdu wkoll l-Avukati tal-imputata, Dottor Joe Giglio u Dottor Stephen Thake, li kkonfermaw li dakinhar kienu rcevew telefonata minghand il-klijenta taghhom dwar l-incident ta' filghodu, u t-tnejn tawha l-parir taghmel rapport lill-Pulizija, kif fil-fatt ghamlet. Dottor Giglio zied aktar dettalji dwar x'kien qed jigri waqt li l-imputata kienet taht arrest qed tigi nvestigata mill-Pulizija, liema dettalji huma ftit li xejn rilevanti ghall-mertu proprju tal-kaz, ghalkemm huma indikattivi tal-animu li bih tmexxiet l-investigazzjoni. Gie esebit ukoll ir-rapport finali tal-Bord tal-Pulizija fuq ilment li kienet ghamlet l-imputata dwar it-trattament li kienet inghatat mill-Ispettur Taliana f'dan il-kaz, izda dan ukoll ma jitfa' ebda dawl fuq il-mertu proprju tal-kawza, u ghalhekk m'ghandu ebda relevanza ghall-finijiet ta' sejbien ta' htija o meno.

Il-provi, ghalhekk, in succint, huma dijametrikament opposti ghal xulxin. Il-Prosekuzzjoni qalet li l-imputata kienet taf li qed taghmel rapport falz fuq ir-ragel taghha, u l-parti leza u l-familjari tieghu kkonfermaw li Mario Fenech kien ghadu d-dar ta' huh meta allegatament kien sar ir-rapport fuqu. L-imputata, min-naha taghha, ikkonfermat ir-rapport originali li kienet ghamlet u qalet li l-istqarrija li kienet irrilaxxjat kienet moghtija taht pressjoni u ma

kienetx il-verita'. L-apprezzament ta' provi ghalhekk ser jigi kkunsidrat fil-kwadru ta' verosimiljanza o meno taz-zewg verzjonijiet moghtija mill-partijiet.

L-imputata taghti verzjoni tal-fatti li huma, fil-fehma tal-Qorti, inkonsistenti u, possibilment, inverosimili. Hekk kif sehh l-allegat incident, l-imputata tmur id-dar ta' missierha, imbezza', issaqsi x' l-ahjar li taghmel. Missierha jghidilha li ahjar taghmel rapport lill-Pulizija. Fl-istess waqt, hi ccempel liz-zewg avukati taghha u ssaqsihom it-tnejn x'ghandha taghmel, u t-tnejn ighidula l-istess, li ghandha taghmel rapport lill-Pulizija. Ghalhekk l-imputata issa ghandha diversi persuni li jistghu jikkonfermaw il-verzjoni taghha, ghalkemm ma kienux maghha meta sehh l-allegat incident. Meta, izda, giet interrogata taht arrest, fl-istqarrija taghha hi taccetta li r-rapport li kienet ghamlet ma kienx minnu. Hawnhekk il-Qorti hi perplessa; tista' tifhem li persuna thossha taht pressjoni meta tkun arrestata, u tista' tasal tghid affarjiet li mhumiex minnhom biex tinheles. Izda hawnhekk ghandna vittma ta' vjolenza domestika, persuna imbezza' mir-ragel. Allura minn min ghandha tibza' izjed? Mir-ragel taghha, li tant wettaq vjolenza fuqha, skond ma qalet? Jew mill-Pulizija, li qed jesercitaw pressjoni u vjolenza psikologika fuqha? Jekk persuna tkun verament imwerwra minn persuna ohra, allura l-ebda pressjoni ta' terz m'hi ser tnehhilha dik il-biza' u ggeghlha tirtira rapport li kienet ghamlet ftit tal-hin qabel – sakemm dak ir-rapport tassew ma kienx minnu. Il-Qorti hija aktar propensa temmen li l-istqarrija tal-imputata tirrispekkja l-verita', u mhux ir-rapport li kien sar minnha inizjalment.

Min-naha l-ohra, il-verzjoni ta' Mario Fenech hi kkorroborata mix-xhieda membri tal-familja tieghu, u mill-hinijiet li nghataw lill-Pulizija mill-imputata stess. Mir-rapport li sar mill-imputata, jidher li dan sar fit-tmienja w erbghin minuta ta' filghodu (8.40am). Hekk kif sar ir-rapport, il-Pulizija baghtet ghal Mario Fenech li kien ghadu kemm wasal l-ufficcju. Dan il-fatt hu kkorroborat mit-telefonata li saret mil-lavrant taghhom ghad-dar taghhom. Huwa veru li l-membri tal-familja tieghu setghu facilment ftehmu fuq verzjoni wahda identika, kif jidher li gara, ghax

kollha xehdu kwazi l-istess, izda r-riferenza ghall-hinijiet gew determinati mill-imputata stess bir-rapport li ghamlet, u bil-hin li tghid li indikat fir-rapport u li kkonfermat fl-istqarrija taghha, u cioe' t-tmiena w hamsa ta' filghodu (8.05am).

Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, l-imputata kienet taf li qed tiddenunzja rapport ta' incident li ma sehhx. Issa l-Qorti trid tara jekk dan ir-reat jaqax taht il-kalunnja ai termini tal-Artikolu 101 tal-Kap 9, jew taht ir-rapport falz ai termini tal-Artikolu 110(2) tal-Kap 9. Skond l-insenjament ta' dawn il-qrati, li jsegwu l-gurisprudenza, hija l-fehma ta' din il-Qorti li d-dinamika tar-rapport li ghamlet l-imputata huwa dak ta' kalunnja, u mhux dak ta' rapport falz. Huwa tajjeb li din il-Qorti perjodikament taghmel ricerka tas-sentenzi tal-Qorti tal-Appelli Kriminali. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali tal-10 ta' April, 2013, fil-kawza fl-ismijiet "Pul. V. Juanita Fenech", dik il-Qorti qalet hekk:

"L-appellanti ġiet akkużata bi ksur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 110 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

**"Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq johloq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sena."**

Fir-rigward ta' dan ir-reat, il-Professur Sir Anthony Mamo jghid[1]:

"This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged…. Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender: otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation…. The specific malice of

[1] *Op. cit.* p. 59 – 60.

this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have been committed and not in the intent to harm, directly by the simulation, any other person”

Mingħajr ma tidħol fil-mertu ta’ jekk ir-rapport li għamlet l-appellanti kienx minnu jew le, u mingħajr ma tikkunsidra jekk dak li rrapportat kienx jikkostitwixxi reat jew le, huwa evidenti illi, ġaladarba l-appellanti speċifikat persuna li allegatament kienet qed issegwiha, ma setgħetx tiġi akkużata bi ksur ta’ l-imsemmi artikolu 110(2). Kwindi ma setgħetx tinsab ħatja lanqas ta’ dak kontemplat fl-ewwel parti ta’ l-artikolu 110(2).”

Hemm ukoll sentenza ohra tal-Qorti tal-Appelli Kriminali, li ghaliha saret referenza mid-difiza waqt it-trattazzjoni taghha, u cioe’ “Pul. V. David Mizzi”, deciza fis-16 ta’ Frar, 1998, li tghid hekk:

“Ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 110 tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta, u jiddistingwi ruhhu mill-kalunja verbali jew diretta kontemplata fl-Artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent ikun, b'qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm, fatt jew cirkostanza bl-iskop li dan il-fatt jew cirkostanza tkun tista' tingieb bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f'dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu l-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra billi jaghmel mill-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor, ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita' kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi nnocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizji materjali bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna. Issa, fil-kaz in dizamina, ma hemm ebda prova li l-appellant holoq xi tracci jew indizji materjali kif fuq imfisser. It-tkissir tal-*windscreen*, il-gebla u l-fixkun certament ma holoqhomx hu -- anzi, *ex admissis*, dawn it-

tracci materjali holqithom martu meta iddecidiet li taghmel hsara fil-vettura.

Kwantu ghar-reat kontemplat fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 110 -- is-simulazzjoni ta' reat -- dan, bhal fil-kaz tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni verbali jew diretta u simulazzjoni reali jew indiretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qreq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Fil-kaz in dizamina, kif diga inghad, b'ebda mod ma jista' jinghad li l-appellant holoq xi tracci materjali ta' reat. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent ikun iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu il-konsapevolezza tal-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx. Mill-brani tas-sentenza tal-ewwel qorti, aktar 'l fuq riportati, ma huwiex car jekk l-ewwel qorti kienitx qed issib lill-appellant hati ghax dan kien jaf li r-reat ma sehhx u ried semplicement jivvendika ruhhu fil-konfront ta' Karmenu Farrugia (f'liema ipotesi kien propjament jikkonfigura r-reat ta' kalunja skond l-Artikolu 101), jew inkella ghax strah fuq dak li qallu haddiehor, cioe' ibnu. Certament is-semplici fatt li wiehed joqghod fuq dak li jkun qallu haddiehor, minghajr ma jkollu raguni ghaliex jahseb li dak li qallu dak il-haddiehor ma kienx minnu, ma jwassalx ghar-reat in dizamina.

Dan juri li hemm distinzjoni sottili bejn ir-reat ta’ kalunnja u dak ta’ rapport falz. Fl-ewwel reat, irid ikun hemm denunzja kontra persuna specifika, mentri fit-tieni, ma jrid ikun hemm ebda persuna partikolari identifikata. Huwa evidenti li l-imputata identifikat lil zewggha bhala l-persuna li allegatament waqaf barra d-dar taghha u insulentaha. Huwa evidenti wkoll li l-imputata riedet taghmel hsara lir-ragel taghha bir-rapport illi ghamlet. Dan it-tip ta’ agir, sfortunatament, huwa komuni fil-kawzi ta’ separazzjoni, u d-dnub hu li tant il-partijiet ikunu moghmja biex jaghmlu hsara lil xulxin li l-anqas jindunaw li qed jaghmlu hsara kbira lilhom infushom, u aktar minn hekk, lin-nies ta’ madwarhom, specjalment lil uliedhom. Ghalhekk il-Qorti bdiet il-kunsiderazzjonijiet taghha billi qalet li dawn il-

kawzi jsiru battalji kolossali, fejn fl-ahhar tal-kontijiet, hadd ma johrog rebbieh u kulhadd johrog tellief.

In konkluzjoni, il-Qorti trid tara x'inhi l-piena aktar iedoneja f'dan il-kaz. Tenut kont tal-isfond tas-separazzjoni personali bejn l-imputata u l-parti leza, il-Qorti hi tal-fehma li l-ahjar piena tkun sanzjoni fil-komunita', ai termini tal-Kap 446. Zgur li m'hijiex mehtiega piena ta' prigunerija f'dan il-kaz. Izda zgur ukoll li l-imputata jehtigilha xi forma ta' sorveljanza fuqha, ghax dan l-agir taghha, jekk jibqa' jippersisti, ser iwassal biex xi hadd mill-partijiet jew mill-familjari taghhom isofri hsara irreparabbli. Ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra ordni ta' probation fil-konfront taghha, u dan sabiex ikollha kemm is-sorveljanza fuqha kif ukoll l-assistenza mehtiega, jekk ikun il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 101, 110(2), 109 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imputata hatja tat-tieni (2) imputazzjoni, u ghaldaqstant tilliberaha minnha.
Issibha hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni, u ghalhekk tordna li l-imputata titqieghed taht ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tlitt snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre l-Qorti tordna l-interdizzjoni generali temporanja tal-imputata ghal zmien ghaxar snin, ai termini tal-Artikolu 109(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll interdizzjoni milli sservi bhala xhud jew perit.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputata.

**ANTHONY J VELLA**

**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------